# IL-QNIEPEN TAL-LUNZJATA

## ILĦNA JIDWU MAL-BIRGU GĦAL NOFS SEKLU SĦIĦ



Meta fl-imgħoddi ma kienx hawn il-mezzi ta' komunikazzjoni li għandna llum, kienu l-qniepen l-ewwel li jwasslu lill-poplu dak li jkun jiġri madwaru. Ma kinux biss l-ilħna li bihom il-knisja kienet titkellem ma' wliedha, iżda kienu wkoll it-tmun li jrieġi r-rutina ta' kull jum tal-ġimgħa. Kellhom (u sa ċertu punt, f'xi nħawi għad għandhom) lingwaġġ li kien jifhmu kulħadd.

Mix-xeħta li biha kienu jindaqqu, in-nies kienet tintebaħ, mhux biss li kien qorob il-ħruġ ta' xi quddiesa jew xi funzjoni oħra, iżda tasal tobsor ukoll x'ħin seta' kien. Jekk xi ħadd kien ikun wasal għall-aħħar sagramenti, jew għadda għal ħajja oħra, il-qniepen kienu jkunu l-ewwel li jagħtu l-bxara mar-raħal kollu. Min-naħa l-oħra, fil-Birgu, permezz tat-tokki mgħaġġla b'xi waħda mill-qniepen iż-żgħar, magħrufa bħala "lawdi" jew "lawdijiet", in-nies kienet issir taf li ġiet fid-dinja ħlejqa ġdida. (1) Ukoll waqt xi maltemp ikrah, in-nies kienet titwennes meta tisma' t-tokki kiebja tagħhom.

Din ir-rabta mal-kampnar in-nies kienet tridha għax tħossha meħtieġa. Fl-istess ħin, dawk li kellhom il-knejjes taħt il-ħarsien tagħhom dan għarfuh u kienu jaraw x'jagħmlu biex il-kampnar tagħhom ikun mgħammar kif meħtieġ.



Il-kampnar storiku tal-Knisja tal-Lunzjata l-qadima li ġġarrfet fit-Tieni Gwerra Dinjija

### IL-QNIEPEN L-ANTIKI

M'hux magħruf kif kien mgħammar il-kampnar tal-Knisja tal-Lunzjata meta d-Dumnikani ħaduha taħt idejhom fl-1528. Iżda f'medda ta' 50 sena, fuqu nsibu ħames qniepen. Dwar dawn, Patri F.M. Azzoppardo OP ħalla tagħrif interessanti. (2) Ħalla miktub li fl-1542 saret qanpiena deskritta bħala "*del secondo*" (il-fustanija). Wara din, fl-1577 żdiedet oħra li sejħilha "*delle messe*" (tal-quddies). Fuqha din kellha skrizzjoni marbuta mat-titular tal-Knisja "ECCE ANCILLA DOMINI" - *Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej* (Lq 1,38.).

Wara 19-il sena, fl-1596 żdiedet dik li laqqmuha "*la nuova*" (il-ġdida). L-iskrizzjoni li saret fuqha - "ORA PRO NOBIS SANCTE PATER DOMINICE" - *Itlob għalina Missierna San Duminku* - tixhed il-qedem tal-kult ta' dan il-qaddis



L-inventarju tal-qniepen l-antiki tal-Lunzjata mħolli minn Patri F.M. Azzoppardo OP

fil-Birgu.

Qanpiena oħra, magħrufa bħala "*la grande*" (il-kbira) l-Azzoppardo jikteb li nġiebet mill-Ingilterra ma' dawk tal-Konkatidral ta' San Ġwann.[3] Din ma tantx kienet irnexxiet għax ftit żmien wara nkisret. Tniżżlet mill-kampnar u ssewwiet jew saret mill-ġdid ġo funderija lokali u reġgħet ittellgħet f'postha fl-1615. F'Novembru ta' 15-il sena wara reġgħet inkisret u mtliet mill-ġdid. Dan ix-xogħol karkar ġmielu, ħadet postha fil-kampnar fl-1639 - 9 snin wara.

Ma' dawn l-erba' qniepen, Azzoppardo jżid oħra, li jiddeskriviha biss "*un altra piccola*" (oħra żgħira). In-nuqqas ta' tagħrif dwar din jista' jwassal għal diversi interpretazzjonijiet. Tista' tkun l-eqdem waħda u għalhekk dwarha ħadd ma baqa' jiftakar xejn, jew jista' jkun ukoll li ċ-ċokon tagħha irrendiha insinifikanti.

Ta' min jinnota wkoll ix-xebh ta' laqam il-qniepen fl-antik ma' dak użat fil-kampnari tagħna llum.

M'hux magħruf jekk sal-bidu tas-seklu dsatax, sakemm beda jifforma s-sett preżenti, sarux xi oħrajn ġodda. Wisq probabbli li baqa' kollox kif kien.

## MOVIMENT GĦAL QNIEPEN AĦJAR

Sa mill-aħħar snin tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, f'Malta jibda jinħass moviment li wassal biex f'għadd ta' knejjes isiru qniepen ġodda. Dan wassal biex fl-1788 issir waħda ta' 18-il qantar għall-Qrendi u oħra ta' l-istess piż, sena wara, għall-Imqabba, it-tnejn xogħol Ġwakkin Triganza. Mill-istess funderija, fl-1795 ħarġet waħda għal Ħal Luqa ta' 14-il qantar u sena wara, oħra ta' 10 qnatar għal Ħal Kirkop.[4]

Dan il-moviment, għalkemm forsi b'mod moderat, jista' jkun li laqat lill-Komunità Dumnikana tal-Birgu wkoll. Iżda l-mezzi finanzjarji kienu limitati ħafna. Biex tissewwa l-ħsara li ġarrbu l-knisja u l-kunvent meta splodiet il-Porvlista li kien hemm fil-qrib fl-1806, kienu meħtieġa flejjes kbar.[5] Iżda jidher li x-xewqa jew ħtieġa ta' qniepen ġodda flok il-qodma, qajl qajl, għelbet dawn id-diffikultajiet; għalkemm biex dan seħħ kellhom jgħaddu għadd ta' snin.

## JIBDA S-SETT TA' LLUM

Fl-1813, il-brunżar Ferdinando Leotta għamel qanpiena ta' 30 qantar għal Ħal Lija. Sentejn wara, għamel oħra ta' 32 qantar għal Tal-Karmnu, il-Belt.[6] Dawn intgħoġbu minn bosta, fosthom id-Dumnikani tal-Birgu. Dan, għax meta dawn ġew biex jagħmlu qanpiena, li kellha tkun l-ewwel waħda tas-sett preżenti, għalkemm iżgħar, għażlu lilu.

Din il-qanpiena, li qiegħda fil-ħnejja tal-kampnar li tagħti għan-naħa tal-knisja, hi

waħda mill-ftit li fadal li ħarġu mill-funderija ta' Leotta. Għandha dijametru ta' 110 cm u għolja 93 cm. Hu kkalkulat li tiżen madwar 10 qnatar. Isimha magħha, għax ma' dawk midħla tal-kampnar hi mgħarufa bħala "l-antika".

Aktar dwarha jinsilet minn dak li tnaqqax fuqha fil-funderija. Fil-parti ta' fuq hemm skrizzjoni: "DEIPARAE VIRGINI ATQUE DOMINICO PATRI DEVOTORUM FILIORUM DEVOTIO DICAT. ANNO XTO NATO 1818. FERDINANDUS LEOTTA FECIT" - *Lill-Verġni Omm Alla u lil Duminku Missier id-devozzjoni ta' wlied devoti tiddedika fis-sena 1818 mit-twelid ta' Kristu. Ħadimha Ferdinandu Leotta.* F'nofsha hemm alto riljiev tal-Madonna tar-Rużarju; aktarx konferma ta' għajdut l-antiki, li din kienet għotja mill-Fratellanza tar-Rużarju. Dan kollu seta' wassal biex din il-qanpiena tissejjaħ ROSARIA.



**Rosaria - l-Antika - l-eqdem qanpiena fil-kampnar**

## IT-TIENI QANPIENA

Għall-Knisja tal-Lunzjata, minn meta saret l-ewwel qanpiena sa qrib l-1864, kien żmien ta' tiswijiet, tiġdid u restawr u allura, dak meqjus ta' inqas ħtieġa kellu jistenna waqtu. Aktarx li kien għalhekk li kellhom jgħaddu 30 sena meta nħass li kien wasal il-waqt li ssir qanpiena oħra.

Din hi l-iżgħar fost is-sett, b'dijametru ta' 66 cm u għolja 51 cm. Tiżen madwar żewġt iqnatar u nofs u hi magħrufa bħala "iż-żgħira". Qiegħda ma' oħra fil-ħnejja li tħares lejn l-Isla, fuq ix-xaqliba tal-knisja. Iżżejnet bi xbieha ta' qaddis bejn żewġ palmiet f'nofsha u bi skrizzjoni li tindika li x-xbieha hi ta' San Duminku. Din iġġib il-kliem: MUNDUM CALCANS SUB PEDIBUS MANUM MISIT AD FORTIA - *Riġlejh ikasbru d-dinja, idejh iwettqu l-għaġeb.* Dawn il-versi ttieħdu mit-tielet strofa ta' l-innu ta' l-Uffiċċju tal-Qari li jingħad fis-Solennità ta' Missierna San Duminku (4 ta' Awissu) fil-Proprju ta' l-Ordni tal-Predikaturi. L-iskrizzjoni tkompli: SALVATOR CAUCHI FECIT AD 1848 - *Ħadimha Salvu Cauchi fl-1848.*



**Domenica - iż-Żgħira**

Il-kuruna li biha ntrabtet mat-travu żżejnet b'sitt puttini; wieħed fuq kull ħolqa. Din l-għamla ta' dekorazzjoni tal-kuruna f'bosta mill-qniepen ta' Salvu baqgħet tintuża minn ibnu Ġulju f'għadd kbir mill-qniepen li dan kompla jagħmel wara l-mewt ta' missieru.

Bħal ta' qabilha, fin-nuqqas ta' dokumenti, li ntilfu fil-gwerra, jagħtik x'taħseb, li x-xbieha u l-iskrizzjoni li tnaqqxu fuqha huma marbutin ma' l-isem li setgħet ingħatat, li m'għandux ikun ieħor ħlief DOMENICA.

Din il-qanpiena kienet l-ewwel waħda, fost l-erbgħa li saru warajha, li ħarġet mill-funderija li l-familja Cauchi kellha f'Għajn Dwieli. Kienet fost l-aqwa funderiji li kien hawn u minnha ħarġu l-biċċa l-kbira tal-qniepen li hawn fostna. Fil-bidu tmexxiet mill-missier, Salvu, li kien tħarreġ taħt Triganza. Wara mewtu, spiċċat titmexxa minn ibnu

Ġulju, li nistgħu ngħidu spiċċa l-aqwa brunżar Malti ta' kull żmien. Minn taħt idejh ħarġu mat-300 qanpiena, li jinsabu mxerrdin kważi fil-kampnari kollha ta' dawn il-Gżejjer.

## JASLU TNEJN OĦRA

Wara li l-Knisja tal-Lunzjata ġiet strutturalment imġedda, inbeda xogħol estensiv ta' dekorazzjoni li dam għaddej għal aktar minn 70 sena. Dan kien jinkludi t-tkomplija tas-sett ta' qniepen ġodda. Dan it-tiġdid beda b'żewġ qniepen ġodda kmieni fl-1880 u ntemm 4 snin wara bi tnejn oħra, biex ingħaqad is-sett ta' sitt qniepen li hawn illum.

F'April ta' l-1880, Ġulju Cauchi lesta qanpiena ta' 6 qnatar u 6 irtal ordnata għandu ftit żmien qabel. Din swiet lill-kunvent 1032 skud. Fl-istess żmien, il-patrijiet saru jafu li l-kappillan ta' Ħal Kirkop kellu qanpiena mdaqqsa għall-bejgħ. Din għoġbithom u nxtrat bil-prezz ta' 55 skud il-qantar. Meta ntiżnet mill-Piżatur tad-Dwana, dan iċċertifika li kienet tiżen 15-il qantar u 10 irtal.

Intweriet ix-xewqa li ż-żewġ qniepen jinġarru lejn il-Birgu flimkien. Imma billi dik ta' Ġulju kien għad jonqosha xi rfinar, l-oħra ta' Ħal Kirkop ittieħdet fil-funderija ta' Ġulju f'Għajn Dwieli biex jinġarru flimkien minn hemm.

Dan tħalla għal nhar il-Ħadd, 25 ta' April u folla mdaqqsa nġabret f'Għajn Dwieli. L-entużjażmu kien fl-aqwa tiegħu it-triq kollha u kompla joktor meta bdew jinstemgħu l-marċi li bdiet iddoqq banda li kienet tistenniehom qrib il-knisja, fejn aktar tard kompliet bi programm mużikali fuq il-planċier.

Ftit wara li waslu, il-qniepen tqiegħdu fil-kjostru tal-kunvent, lesti għaċ-ċerimonja tat-tberik tagħhom. Din saret minn Mons. Goffredo Scerri, Vigarju ta' l-Isqof, megħjun miċ-Ċerimonjier tal-Konkatidral ta' San Ġwann. (7)

Ħadu isem il-parrini rispettivi tagħhom. Is-Sur Antonio Vella kien il-parrinu ta' dik li nxtrat minn Ħal Kirkop, li ssemmiet ANTONIA. L-oħra ssemmiet MICHELINA, għas-Sur Michele Soler.(8) Dan iġiegħlek taħseb li dawn iż-żewġ sinjuri kienu l-benefatturi għalihom.

Ittellgħu fil-kampnar erbat ijiem wara. Qabel it-tlugħ tkanta l-Għasar, ingħad ir-Rużarju, saret priedka qasira u ngħatat il-Barka Sagramentali. Reġa' kien hemm ħafna nies. Ġie apprezzat ħafna l-programm mużikali li ntemm tard filgħaxija li ppreżentat dik li ġiet deskritta bħala "il-Banda tal-Birgu".(9)



**Michelina - il-Ġdida - l-ewwel qanpiena ta' Ġulju Cauchi li ddendlet fil-kampnar**

Dawn iż-żewġ qniepen messithom xorti differenti. Filwaqt li, kif għad naraw 'il quddiem, l-ANTONIA għamlet biss erba' snin, il-MICHELINA għadha magħna sa llum. Qiegħda fil-ħnejja li tħares lejn il-bejt tal-kunvent u nsibuha bħala "il-ġdida". Għandha dijametru ta' 98 cm u għolja 78 cm. L-unika skrizzjoni li hemm fuqha hi: MRO GIULIANO CAUCHI, MALTA, COSPICUA, 1880 - *Mastru Ġulju Cauchi, Malta, Bormla 1880.* Iżżejnet b'girlanda sempliċi ftit 'l isfel mill-iskrizzjoni u b'oħra isbaħ qrib ix-xoffa t'isfel. Fl-ispazju bejn girlanda u oħra hemm żewġ alto riljievi. Fuq naħa hemm il-Lunzjata u fuq in-naħa l-oħra, għalkemm mhux ċara, tagħti l-impressjoni li tista' tkun il-Madonna, b'raġġi ħerġin minn idejha it-tnejn.

## FTEHIM GĦAL WAĦDA KBIRA

Għalkemm issa fil-kampnar kien hemm erba' qniepen ġodda, xewqet xi wħud kienet għadha ma nqatgħetx għal kollox. Dawn kellhom ħarsithom fuq dawk kbar u sbieħ li ddendlu f'xi knejjes lejn dik il-ħabta. Fl-1864, il-Mostin dendlu dik li għamlilhom Boero Venanzio, li bħala piż kellha 43 qantar. Kien hemm ukoll dik ta' 40 qantar li Ġulju Cauchi għamel għall-Furjana fl-1877 u oħra ta' 28 qantar li lesta għal Ħal Qormi sentejn wara. (10)

Fost dawk li għal-Lunzjata xtaqu xi ħaġa aħjar ma' dawk li ġa nxtraw, kien hemm Patri Ġulju Vinċenz Vassallo OP. Dan il-patri stinka u ħadem ħafna biex fil-Lunzjata jsiru bosta opri ta' preġju. Xi wħud fosthom kien ħallas għalihom hu stess. Dan seta' jagħmlu għax kien ġej minn familja tat-tajjeb. Billi kien ukoll predikatur eċċellenti, imfittex anki barra minn Malta, kellu dħul tajjeb kważi garantit. Għalhekk, għall-qanpiena mixtieqa għamel tajjeb hu.

Kuntratt li sar fl-20 ta' Mejju 1880 għand in-nutar Salvatore Vincenzo Trionfi, in-nutar tal-kunvent, quddiem ix-xhieda Fortunato Maria Debono u Luigi Fenech, jikkonferma li P. Ġulju, f'ismu u f'isem il-Kunvent tal-Lunzjata, ordna għand il-brunżar Ġulju Cauchi ta' Bormla, qanpiena ta' 34 qantar. Din kellha tkun lesta sa l-1 ta' Awissu ta' dik is-sena stess. Ġulju aċċetta wkoll li din jagħmilha bl-istess tonalità ta' dik li kien hemm fil-knisja tad-Dumnikani tal-Belt, magħrufa bħala "ta' Liscol".

Il-prezz ftiehmu li jkun 4760 skud, ekwivalenti għal 140 skud il-qantar, 2000 skud minnhom kellhom jitħallsu fi żmien xahar mill-kunsinna tagħha. Forsi b'riżultat ta' ġbir ta' oġġetti tal-landa qodma mingħand in-nies, 500 skud mill-ewwel ħlas kellhom jitnaqqsu mill-prezz wara li l-patri jagħti lill-brużar kwantità ta' materjal deskritt fil-kuntratt bħala *"stagno"*. Il-kumplament tal-ħlas kellu jsir bir-rabta ta' 600 skud fis-sena.




**Il-firmatarji tal-kuntratt tal-qanpiena l-kbira**

Il-qanpiena kellha toħroġ b'9 xhur garanzija. B'riżultat ta' dan, il-brunżar intrabat li, f'każ li f'dawn id-9 xhur, li jibdew jgħoddu mill-1 ta' Awissu, il-qanpiena jiġrilha xi ħsara, jerġa' jagħmilha mill-ġdid mingħajr ħlas, skond it-termini tal-kuntratt oriġinali. Aċċetta wkoll li, f'każ li ma tkunx lesta sad-data miftiehma, iħallas lill-patri penali ta' 70 skud.(11)

## FTEHIM IMXELLEF

Għal xi raġunijiet mhux magħrufa, uħud mill-kundizzjonijiet miftiehma fil-kuntratt jirriżulta li nkisru, imma jidher li kien hemm rieda tajba miż-żewġ naħat. Minflok fl-1 ta' Awissu, il-qanpiena kienet lesta ħmistax wara. Ukoll, meta ntiżnet mis-Sur S. Vitale, Piżatur tad-Dwana, instab li kienet tiżen 33 qantar u 10 irtal; 90 ratal anqas milli miftiehem. (12)

Minkejja dan in-nuqqas, il-penali imposta fil-kuntratt P. Ġulju jidher li ma nsistiex għaliha u jidher ċar li ma tħallsitx. Mill-prezz miftiehem tnaqqsu biss 126 skud, ekwivalenti għan-nuqqas fil-piż. Forsi biex ipatti għan-nuqqas tiegħu, Cauchi aċċetta,

jew ma kienx kuntrarju li, minflok f'ħames snin, jitħallas fi tmienja. Tant hu hekk li dan iddikjara li tħallas is-somma totali ta' 4634 skud, fl-24 ta' Marzu 1888. Dan għamlu permezz ta' att għand l-istess nutar Trionfi, quddiem ix-xhieda Salvatore Mallia u William Barber. (13)



Vincenza - il-Kbira - fuq ix-xellug tidher il-parti msewwija

## QANPIENA LI NTGĦOĠBOT

Meta jitqies kollox, tintebaħ li l-qanpiena kienet intgħoġbot u P. Ġulju kien sodisfatt. Tismagħha tindaqq tintebaħ kemm kien mexa 'l quddiem Ġulju Cauchi f'senegħtu u kemm mhux għal xejn huma kburin dawk li għandhom qniepen minn tiegħu.

Minn barra t-tonalità, Ġulju Cauchi qagħad attent li d-dehra tagħha tkun tiġbdek ukoll. Biex tintrabat mat-travu għandha kuruna li tolqtok bis-sitt puttini sbieħ li żejjinha bihom. Aktar 'l isfel minnha, imbagħad, żejjen iċ-ċirkonferenza tal-parti ta' fuq bi skrizzjoni mqassma fuq żewġ linji: "FR. JULIUS VINCENTIUS VASSALLO OP DEVOTIONIS ERGO IN B. VINCENTIUS FERRERIUM HANC CAMPANAM AB ARTEFICE JULIANO CAUCHI FACTAM AD. MDCCCLXXX EIDEM SANCTO DICAVIT" - *P. Ġulju Vinċenz Vassallo OP b'devozzjoni lejn il-B. Vinċenz Ferrer lill-istess qaddis iddedika din il-qanpiena maħduma minn Mastru Ġulju Cauchi fis-sena 1880.*

'L isfel mill-iskrizzjoni, tnaqqxu żewġ girlandi madwar iċ-ċirkonferenza kollha. Ta' fuq hi ffurmata minn fjuretti rqaq u l-oħra aktar 'l isfel hi ffurmata minn ward imdaqqas f'għamla ta' mazzettuni u merfugħa minn sitt anġli jittajru. L-ispazju ta' bejn girlanda u oħra, lejn nofs il-qanpiena żżejjen b'alto riljevi ta' San Vinċenz Ferrer, San Duminku, San Ġużepp u l-Madonna tar-Rużarju. Taħt kollox, lejn ix-xoffa, reġgħet tnaqqxet is-sena li fiha saret - 1880. Hi mdaqqsa ġmielha. Għandha dijametru ta' 170 cm u għolja 130 cm.

## TASAL IL-BIRGU

Il-ġarr mill-funderija ta' Ġulju f'Għajn Dwieli sal-Knisja tal-Lunzjata sar il-Ħadd, 22 ta' Awissu. Tgħabbiet fuq karru tal-Militar li s-soltu jinġarru fuqu l-kanuni misluf mill-Armata u miegħu kienu ntbagħtu wkoll xi suldati.

Għadd kbir ta' nies, kollhom entużjażmu u jxejru bandieri kuluriti, imxew wara Banda li nġiebet minn Birkirkara. Minn Għajn Dwieli ġibdu max-xatt taħt is-swar ta' Bormla u ħarġu biha minn bieb qrib l-Isla, viċin pjazzetta magħrufa bħala "is-Suq il-Ġdid". Qabdu Triq San Pawl, niżlu għal *Piazza Mercato* (illum Misraħ Gavino Gulia), imxew Triq Santa Tereża u baqgħu telgħin għall-Birgu.

Minn kulfejn għaddiet, inkluża l-għolja ta' Santa Margarita, kienu maħnuqa bin-nies. L-istess, jew aktar, kienu Triq il-Mina l-Kbira u t-toroq li jagħtu għaliha, inkluża l-pjazza. Tqiegħdet bejn il-bieb u l-antiporta tal-Knisja fejn seta' jaraha kulħadd minn

barra. [14]

Kienet okkażjoni mhux tas-soltu tant li ġibdet l-attenzjoni u xxandret b'ċerta prominenza f'xi ġurnali: *"Una nuova grandiosa campana condotta alla Chiesa dell'Annunziata"* kien tħabbar fil-ġurnal *Risorgimento.*[15]

L-istess għamel dak bl-Ingliż *Malta Times.* Lill-korrispondent ta' dan il-ġurnal, il-kobor tagħha impressjonah, tant li kien wera ruħu dubjuż jekk il-kampnar kienx jiflaħ għal dak it-toqol. [16]

## TITBIEREK U TIDDENDEL

It-tberik tħalla għas-Sibt, 27 tax-xahar. It-tħejjijiet bdew kmieni meta jiem qabel, suldati refgħuha bi grabja li nġiebet minn Forti Sant'Anġlu, li dik il-ħabta kien okkupat mill-armata. Iżżejnet b'girlandi ta' fjuri u tqiegħdet f'nofs il-korsija tal-Lunzjata, bejn l-artali ta' San Pietru u Santa Barbara.

Jum it-tberik reġa' ġibed għadd kbir ta' nies u bosta kellhom jibqgħu barra. Il-korsija kienet riżervata għall-mistednin distinti; fosthom għadd kbir ta' kanoniċi mill-Kolleġġjati tal-Kottonera. Jirrappreżentaw dik tal-Birgu kien hemm l-Arċipriet, il-Kan. Ludovico Balzan imsieħeb mill-Kanoniċi Dun Alwiġ Fenech u Dun Alwiġ Spiteri Sacco. Kienu mistiedna wkoll il-Franġiskani Konventwali tar-Rabat. Kien hemm ukoll diversi tobba, avukati u persuni distinti oħra. In-navati mtlew minn dawk li laħqu post. F'dik tal-lemin kif tidħol qagħdu n-nisa u n-naħa l-oħra qagħdu l-irġiel. [17]

Iffunzjona l-Vigarju Ġenerali, Mons. Goffredo Scerri assistit mill-Pirjol u minn P. Vinċenz Mizzi OP, flimkien maċ-Ċerimonjier ta' San Ġwann. Issemmiet VINCENZA - it-tieni isem ta' Patri Ġulju. Il-parrinu kien il-Kanoniku Luiġi Caruana tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Ir-rigal tiegħu kienu 6 liri tad-deheb. Wara ċ-ċerimonja ttellgħet fil-kampnar u meta ddendlet f'postha indaqqet mota ta' ringrazzjament. [18] Minn dakinhar 'il quddiem, in-nies bdiet issejħilha "il-kbira".

## KOLLHA ĠODDA

Għalkemm mal-wasla tal-"kbira", il-qniepen ġodda li ddendlu minflok il-qodma issa kienu ħamsa, aktarx li baqa' jinħass żbilanċ fit-tonalità. Dik li kienet inxtrat minn Ħal Kirkop u oħra żgħira li kien għad fadal mis-sett il-qadim bdew jinħassu barra minn lokhom. Għalhekk, inqatgħet li minflokhom isiru tnejn ġodda, biex is-sett, kemm jista' jkun, jiġi bbilanċjat. Dawn bħat-tlieta ta' qabilhom, ġew ordnati għand Ġulju Cauchi.

Lejn tmiem Novembru 1884 kienu lesti u bosta terrqu lejn il-funderija biex jaraw, din id-darba, x'ħareġ mill-idejn esperti tal-brunżar. Ġulju ma ddiżappuntahomx u fil-ġurnata miftiehma kienu barra, lesti biex jinġarru. Għalhekk, in-nies setgħu jifluhom aħjar.

L-akbar waħda kienet ta' 20 qantar u 80 ratal, b'dijametru ta' 145 cm u sa



**Domenica - il-Fustanija - prominenti l-Emblema Dumnikana fuq il-lemin**

taħt il-kuruna, għolja 115 cm. Illum hi magħrufa bħala "il-fustanija" u qiegħda fil-ħnejja li tħares lejn it-triq. Iżżejnet b'diversi skrizzjonijiet, girlandi u alto riljievi. Il-parti ta' fuq imtliet b'żewġ skrizzjonijiet: POPULI ET RELIGIOSORUM RELIGIONE ET SUMPTIBUS AD. MDCCCLXXXIV - *Bil-qima u spejjeż tan-nies u tar-reliġjużi fis-sena 1884.* Taħtha tnaqqxet it-tieni waħda: FABBRICA DI MRO GIULIANO CAUCHI FECIT, MALTA COSPICUA 1884 - *Fabbrika ta' Mastru Ġulju Cauchi, Malta, Bormla 1884.*

Is-soliti girlandi madwar iċ-ċirkonferenza tagħha ma naqsux. Għandha tnejn jixbhu f'kollox lil dawk tal-"kbira", iżda din id-darba, fuq dik t'isfel tnaqqxu wkoll sitt stillel tas-sitt ponot, imqassmin b'qisien indaqs bejniethom.



Caterina - tal-Moti

L-ispazju li nħoloq bejn girlanda u oħra żżejjen b'erba' alto riljievi - l-Emblema ta' l-Ordni Dumnikan, San Tumas ta' Aquino, San Diminku u l-Familja Mqaddsa.

Jidher li dik il-ħabta fil-funderija ta' Ġulju ma kienx isir xogħol tal-ħadid għax l-ilsien tagħha sar fil-funderija ta' Giovanni Bezzina & Figli, ta' 65, *Porto Nuovo.* Kien jiżen 66 ratal u qam £4.11s.8d. [19]

Il-qanpiena l-oħra kienet dik li llum nafuha bħala "tal-moti". Qiegħda flimkien maż-"żgħira" fil-ħnejja li tħares fuq l-Isla. Meta ntiżnet instab li kienet ta' 4 qnatar u 4 rtal. Għandha dijametru ta' 83 cm u għolja 63 cm.

Iżżejjnet b'żewġ girlandi sempliċi u l-ispazju bejniethom imtela b'figura tal-Madonna bil-Bambin f'idha x-xellugija u bi xbieha oħra li mhix ċara biżżejjed. Fuqha nkiteb biss: FABBRICA DI MRO GIULIANO CAUCHI FECIT MALTA COSPICUA.



Il-qniepen imdendlin proviżorjament fuq erba' pilastri tal-ġebel ħalli jistgħu jindaqqu

Iż-żewġ qniepen flimkien ġew jiswew 3477 skud (2912sk dik ta' 20 qantar u 565sk l-oħra). Iżda l-kunvent ma ħariġx daqstant flus. Mal-klijenti tiegħu Ġulju kien jiftiehem b'kull mod. Bħala parti mill-ħlas ta' xogħlu, dejjem kien lest jaċċetta kemm metall, bħal ma sar fil-każ tal-"kbira", kif ukoll xi qanpiena oħra. Jekk din kienet tkun għadha tajba, kien isib il-bejgħ tagħha xi mkien ieħor; jekk kienet tkun miksura, kien idewwibha għal xi oħra ġdida.

Hekk sar fil-każ ta' dawn iż-żewġ qniepen. Dik li kienet inxtrat minn Ħal Kirkop, il-brunżar ħadha għall-prezz ta' 1132 skud. L-oħra li kien għad fadal mis-sett il-qadim ħadha wkoll għal 466 skud. Ma' dawn aċċetta wkoll 388 ratal ram qadim li ġie stmat li jiswa 187 skud. B'hekk il-kunvent ġie ħareġ biss 1692 skud.[20]




Il-qanpiena l-kbira, Vincenza, qabel u wara t-tiswija li saritilha fit-Tarzna ta' Malta

## JASLU, JITBIERKU U JIDDENDLU

Iż-żewġ qniepen ġodda nġarru lejn il-Birgu nhar it-Tnejn, 1 ta' Diċembru wara nofsinhar. Filgħodu sebaħ imċajpar u bix-xita, iżda sa wasal ħin il-ġarr laħaq iċċara. Din id-darba twasslu bil-banda wkoll u warajha mxiet folla mdaqqsa.

Meta waslu qrib Bieb il-Birgu, intlaqgħu bl-isparar tal-murtali u l-musketterija.



**L-ilsien tal-qanpiena l-kbira mqiegħed b'mod oriġinali permezz ta' ċappetta flok l-istringa tradizzjonali tal-ġild**

Baqgħu deħlin bihom f'nofs il-korsija tal-Lunzjata u ddendlu għal-lest mal-grabja. L-akbar waħda ddendlet ma' waħda li nstilfet mill-*Forti Ricasoli* u għaż-żgħira ġiet użata waħda li kienet tintuża biex jittella' l-qamħ mill-fosos. (21)

It-tberik tagħhom tħalla għall-Ħamis, 4 ta' Diċembru. Għall-okkażjoni, il-qniepen iżżejjnu b'ornat bl-istilel. Il-lasti tal-grabji nksew b'damask aħmar u tqiegħdu fuq żewġ palketti, f'nofs il-korsija. Is-sedja taċ-ċelebrant, li għal darb'oħra kien Mons. Scerri, tqiegħdet kif tidħol fuq ix-xellug. In-naħa l-oħra ntramat mejda. Fuqha kien hemm reċipjent bl-inċens u bil-mirra, żewġ baċili bil-lumi u bil-larinġ u bukkett fjuri tal-granutell għaċ-ċelebrant. F'nofshom kien hemm reċipjent bl-ilma mbierek li nġieb apposta mill-palazz ta' l-Isqof minn wieħed mill-paġġi tiegħu.

Assistew liċ-ċelebrant Patri Giovanni Falzon, bħala djaknu u Patri Nerik Vella, bħala suddjaknu. Il-parrini kienu s-sur Pawl Attard għall-"Fustanija" li ssemmiet DOMENICA u għal "tal-moti" kien in-nutar Salvatore Trionfi. Din issemmiet CATERINA. (22)

Is-Sibt, 13 ta' Diċembru, iż-żewġ qniepen li kienu għal għand il-brunżar tniżżlu mill-kampnar u baqgħu sejrin bihom lejn il-funderija. Dakinhar stess tellgħu f'postha lil *Caterina*. Id-*Domenica* ttellgħet l-għada fl-4.00 pm wara li tkanta l-Għasar, intqal ir-Ružarju u ngħatat il-Barka Sagramentali, wara li saret priedka qasira ta' l-okkażjoni. Damet tielgħa 7 minuti li tulhom iċ-ċapċip tal-folla, li nġemgħet ferħana li issa hemm sett qniepen komplet, ma qata' xejn. Kif intrabtet f'postha, indaqqet mota li ssieħbet ma' sparar ta' musketterija. (23)



**Is-sitt qniepen kif jidhru minn taħt mill-bejt tal-kunvent**

## WARA L-GWERRA

B'xorti ħażina, tnejn fost il-bosta vittmi tal-gwerra fil-Birgu, kienu l-Kunvent u l-Knisja tal-Lunzjata, li ntlaqtu diversi drabi mill-bombi ta' l-għadu. Minkejja li l-kampnar kien f'nofshom baqa' ma ntlaqatx u l-qniepen kienu fost oħrajn li



**Il-kampnar tal-Lunzjata mibnija mill-ġdid u miftuħa fl-1960, kif jidher mill-bejt tal-kunvent**

semmgħu leħenhom ferrieħi meta tħabbret ir-rebħa. Wara żmien ta' telqa, xi ħadd sostna li t-theżżiż tal-bombi u l-elementi kienu għamlu tagħhom fuq il-kampnar ukoll. Ingħad li l-periti beżgħu mit-toqol tal-qniepen fuqu u fl-1948 qatgħuha li jniżżluhom. Tħallew fl-art, f'nofs il-knisja mġarrfa, biex siket għal kollox leħen il-Lunzjata l-qadima.

Iżda wara ftit żmien, il-patrijiet ordnaw erba' pilastri tal-ġebel in-naħa fejn kien hemm l-artal maġġur u dendluhom magħhom, mnejn reġgħu bdew isemmgħu leħenhom mill-ġdid. [24] Kien minn hawn li leħenhom ferrieħi ta merħba lil San Duminku, meta fl-1952 ħarġet għall-ewwel darba wara l-gwerra, il-purċissjoni bil-vara tiegħu, f'jum il-festa.

## TISSEWWA B'SUĊĊESS ĦSARA FIL-KBIRA

Madwar tliet snin wara li kienet ilha mdendla mal-pilastri, leħen "il-kbira" nħass imġelġel. Intebħu li l-qanpiena kienet qed tixpakka, mhux bogħod wisq minn fejn kien jaħbat l-ilsien. Uħud isostnu li dan seħħ wara li xi ħadd laqatha bil-pizz tal-beritta waqt li kienet tindaqq.

Mingħajr telf ta' żmien, tniżżlet minn fejn kienet u saru arranġamenti biex tittieħed fit-Tarzna Navali biex jaraw tissewwiex. F'Ġunju ta' l-1953 kienet fl-i*Smithery Shop,* fejn xpakkatura ta' madwar 20 cm ġiet iwweldjata b'suċċess.

Waqt li kienet hemm, saret ukoll modifika fir-rabta tradizzjonali ta' l-ilsien mal-qanpiena. Tneħħiet l-istringa tal-ġild u minflokha għamlu speċi ta' ċappetta tal-ħadid taħdem fuq il-*ball bearings.* B'hekk tħaffef ħafna t-tbandil ta' l-ilsien u saret aktar faċli biex tindaqq. Din is-sistema nstabet effikaċi ħafna u aktar tard, xi ħaġa tixbahha ġiet addattata f'xi kampnari oħrajn.

Minn ritratt meħud fit-tarzna joħroġ li dawk li għamlu x-xogħol fuqha kienu l-welders J. Zammit, F. Theuma, S. Quirolo, S. Bonello, S. Busuttil u C. Cutajar. Dawn kienu taħt is-superviżjoni tas-Sinjuri P.M. Cutajar u Lawrence Farrugia, *chargemen* u C.R. Evans u R. Salmon, *Foreman* u *Inspector of Smiths* rispettivament. Dan ir-ritratt tqiegħed fi gwarniċ u ddendel f'waħda mill-kmamar, fl-intrata tal-kunvent.

## F'POSTHOM MILL-ĠDID

Fiż-żmien li l-qanpiena l-kbira kienet tissewwa fit-Tarzna, ix-xogħol fil-bini mill-

ġdid tal-kunvent u l-kampnar kien mexa ġmielu, tant li f'Ottubru ta' l-1954 kienu lesti u kellhom jitbierku dak ix-xahar stess. Għalhekk saru t-tħejjijiet meħtieġa biex sa dakinhar il-qniepen ikunu fil-kampnar.

Billi kienu ġa mberkin, ma saret l-ebda ċerimonja qabel it-tlugħ tagħhom għajr xi ftit tokki bil-"kbira" meta din inqatgħet mill-art fi triqtha lejn il-kampnar.

L-aħħar li telgħet kienet "il-fustanija" u meta din tqiegħdet f'postha ma setax jonqos li dawk preżenti ma jurux il-ferħ u s-sodisfazzjon tagħhom bil-ħruq ta' xi ftit suffarelli u ċ-ċapċip ta' l-idejn.

Reġgħu bdew jaqdu dmirhom mill-ġdid mill-għoli tal-kampnar nhar is-Sibt, 23 ta' Ottubru, meta l-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek il-kunvent u l-kampnar u inawgurahom solennement. Ma' tmiem il-funzjoni, indaqqet mota li, kif jingħad li stqarr l-Arċisqof, fakkritu fi tfulitu, meta kien iservi ta' abbati fil-Knisja tal-Lunzjata l-qadima.

Dik il-lejla, aktarx li nstemgħu ħafna isbaħ mis-soltu. Leħenhom ferrieħi kien qed ixandar ma' kull fejn instemgħu li l-mixja fit-twaqqif tal-Lunzjata l-ġdida kienet għamlet progress ġmielu u għoddha waslet biex tintemm.

**ANTON ATTARD**

**Referenzi**


1. P. Cassar - *Pregnancy and Birth in Maltese Tradition, The Chesterpiece,* April 1975, p.28. Kwotat minn J. Cassar Pullicino - *Studies in Maltese Folklore,* Malta, 1992. p.221.
2. Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat, Ms.87, P.F.M. Azzoppardo OP. - *Descrittione delli tre Conventi,* Vol.II, Parte II, f.21. Kwotat minn M. Fsadni OP - *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620,* Malta, 1974, p.83.
3. Dan it-tagħrif ta' l-Azzoppardo, b'xi mod, jista' jitfa' dawl fuq il-provenjenza ta' l-ewwel qniepen ta' San Ġwann li, kif kiteb H.P Scicluna, it-tagħrif dwarhom hu mċajpar ħafna. Ara H.P. Scicluna - *The Church of St. John in Valletta,* Rome, 1955, pp.220-222.
4. P.P. Castagna - *Malta bil-Gżejjer Tagħha,* Malta, 1890, Vol. III, pp.171,250.
5. A.P. Vella OP - *Storja tal-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu,* Malta, 1965, p.15.
6. P.P. Castagna - Op. Cit. p. 171.
7. *Giuliana del Convento SSma Annunziata, Vittoriosa,* Ms.22.1, f.95.
8. Ibid., f.96.
9. Idem.
10. P.P. Castagna - Op. Cit. p.171.
11. Arkivju tan-Nutari, Valletta, Nutar Salvatore Vincenzo Trionfi, 44/1090, ff.1213-1220.
12. *Giuliana,* Ms.22.1, f.117.
13. Arkivju tan-Nutari, Valletta, Nutar S.V. Trionfi, 60/1090, ff.362-364.
14. *Giuliana,* Ms.22.1, f.117.
15. *Risorgimento* - 28 Agosto 1880.
16. *Malta Times & United Services Gazette* - 4 September 1880
17. *Giuliana,* Ms.22.1, f.119
18. Idem.
19. Irċevuta mehmuża bejn ff.171-172, *Giuliana,* Ms.22.2.
20. *Giuliana,* Ms.22.2, f.173.
21. Ibid. f.169.
22. Ibid. ff.170-172.
23. Ibid ff.172-173.
24. *Giuliana,* Ms.22.11, p.4.


## LISTA TAL-QNIEPEN FIL-KAMPNAR TAL-LUNZJATA

| Isem | Laqam | Dijametru | Għoli | Piż | Brunżar | Sena |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.VINCENZA | Il-Kbira | 170 cm | 130 cm | 33qr 10rt(2648 kg) | Ġulju Cauchi | 1880 |
| 2.DOMENICA | Il-Fustanija | 145 cm | 115 cm | 20qr 80rt(1680 kg) | Ġulju Cauchi | 1884 |
| 3. ROSARIA | L-Antika | 110 cm | 93 cm | c.10qr (800 kg) | Ferd. Leotta | 1818 |
| 4.MICHELINA | Il-Ġdida | 98 cm | 78 cm | 6qr 6rt(484.8 kg) | Ġulju Cauchi | 1880 |
| 5.CATERINA | Tal-Moti | 83 cm | 63 cm | 4qr 4rt(323.2 kg) | Ġulju Cauchi | 1884 |
| 6.DOMENICA | Iż-Żgħira | 66 cm | 51 cm | c. 2qr 50rt(200 kg) | Salvu Cauchi | 1848 |

Qantar = 100 ratal, kilo = ratal u kwart